MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 968/2004

**Café Bar (Malta) Limited**
**Vs**

**The Egg Takeaway Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta Mejju 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u tletin lira hamsa u ghoxrin centezmu (Lm339.25) rapprezentanti kiri ta makna tal-Café moghtija lis-socjeta konvenuta accettanti.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta fit-18 ta Gunju 2006 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li kien sar ftehim ta terminazzjoni tal-kirja tant illi l-makna in kwistjoni kienet giet irtirata mis-socjeta attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi skond kuntratt datat 17 ta Mejju 2003 (Dok LG1) is-socjeta konvenuta kriet makna tal-Caffe minn ghand is-socjeta attrici ghal perjodu determinat ta erba snin dekorribbli mit-22 ta Mejju 2002 versu l-kera ta Lm339.25 pagabbli kul sena bil-quddiem. Skond ir-rapprezentant tas-socjeta attrici, huwa jghid li kienu gew infurmati bl-intenzjoni tal-konvenut nomine biex jittermina fil-bidu tas-sena 2004 pero peress illi qabel tali terminazzjoni jehtieg lit kun trid tigi avzata l-kumpanija principali barra minn Malta, il-makna tnehhiet fit-2 ta Lulju 2004. Ghalhekk huwa dovut instalment ta sena kera ghall-iskadenza li kienet ghalqet fit-22 ta Mejju 2004.

Mario Borg rapprezentant tas-socjeta konvenuta jallega li huwa kien ghalaq il-hanut fejn kien hemm il-makna sa minn Marzu tas-sena 2003 u difatti huwa kien avza lis-socjeta attrici bl-intenzjoni tieghu li jittermina sa minn Ottubru tas-sena 2002 cioe madwar erba (4) xhur biss wara li sar il-kuntratt pero ghal xi raguni jew ohra is-socjeta attrici damet ma gabret il-makna stante li dan sehh ghal habta ta Awissu 2003. Meta ngabret din il-makna, il-konvenut nomine jghid li huwa kien hallas id-differenza ghas-saldu filwaqt li gew iffirmati xi karti bejn iz-zewg partijiet dwar l-gheluq ta din il-kwistjoni.

It-Tribunal jinnota li l-konvenut naqas li jipprezenta d-dokumenti relattivi  biex jipprova il-pagament tad-differenza allegat minnu. Mill-banda l-ohra ghalkemm skond it-traskrizzjoni tax-xhieda tas-sur Grech hemm indikat li s-socjeta attrici qed tippretendi hlas ta kera ghall-iskadenza li ghalqet f’Mejju 2004 peress li l-makna kienet ingabret f’Lulju 2004, jidher li huwa zbalja ghal kollox dawn id-dati peress illi skond il-provi cirkostanzjali ghandu jirrizulta li x’aktarx is-socjeta attrici qed tfittex ghall-iskadenza li ghalqet f’Mejju 2003 u mhux f’Mejju 2004.

Illi in vista ta dan ghalhekk it-tribunal qed jassumi li s-socjeta konvenuta fil-fatt kellha mhallas ta l-ewwel sena kera cioe minn Mejju 2002 sa Mejju 2003 u l-kwistjoni kollha hi jekk (1) fil-fatt halsitx kollox ghas-saldu meta ngabret il-makna u (2) jekk le, ghandhiex thallas ta sena shiha jew tax-xahrejn li tkun ghamlet bil-pussess tal-makna.

Illi ghalkemm huwa minnu kif gia ntqal hawn fuq li s-socjeta konvenuta naqset li ggib il-prova tal-pagament ahhari, fl-istess hin pero s-socjeta attrici naqset li ggib il-prova cara u skjetta dwar ghal liema perjodu hija qed titlob l-ammont rikjest f’dina l-kawza. Mill-provi li hija resqet certament dan ma jirrizultax u ghalhekk f’tali nuqqas dan it-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni mitluba mis-socjeta attrici ghas-semplici raguni li s-socjeta attrici naqset li tipprova l-kaz taghha.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta u kwindi jirrespingi t-talba attrici bl-ispejjes kollha ta din l-istanza pero ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------